**27 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

*Paul Scerri et pro et noe*

*versus*

Tancred Cesareo

## Inċident tat-Traffiku - Responsabbilità - Difiża tat-*terzo ignoto* - Likwidazzjoni tad-Danni

*Il-Qrati tagħna rritenew li d-difiża tat-*terzo ignoto *mhi difiża xejn għaliex il-kawża hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tiġi addossata lil xi ħadd li mhux fil-kawża.*

*Skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti ta' dawn il-Qrati, għalkemm is-sistema segwita minn* ***Butler* vs *Heard*** *ma ġietx skartata ma ssirx inġustizzja la ma' naħa u lanqas ma' l-oħra.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi ppremettew illi fis-sbatax (17) ta' Diċembru, 1993 f'St. Andrews, San Ġiljan waqt li l-iben minuri ta' l-atturi li jismu Kurt, kien qiegħed mal-ħajt fuq *bus stop* hu safa nvestit minn *truck Bedford* numru V-9944 misjuq mill-konvenut u safa mgħaffeġ ma' l-istess ħajt bil-konsegwenza li kien fil-perikolu tal-mewt u llum qed isofri minn dizabilità serja u permanenti kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

*Premess illi dan l-inċident stradali ġara minħabba t-*traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

U premess illi l-konvenut ġie interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-atturi iżda baqa' inadempjenti;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi;

Tiddikjara li huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq imsemmi;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-għoxrin (20) ta' Settembru, 1994 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-atturi a fol. 2;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 8 fejn eċċepixxa illi:

Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu rriġettati bl-ispejjeż stante li l-kawża prossima tal-kolliżjoni mhux is-sewqan tiegħu iżda ta' *driver* ieħor li qabad u dawwar fi triq bla ebda sinjali ta' xejn;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Il-konvenut fl-affidavit tiegħu qal li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Baħar iċ-Ċagħaq bi *speed* ta' xi 35/40 mfs. Kien qed isegwi karozza oħra. Din waqfet biex iddur fuq il-lemin tagħha mingħajr ma xegħlet ebda *indicator*. Biex jevita li jolqotha hu għafas il-*brake* u ġibed fuq ix-xellug tiegħu b'mod li ma jibqax dieħel ġoċ-ċint. Kif ġibed hekk, induna li kien hemm tifel fuq l-i*stage*, għalhekk hu ġibed aktar lejn il-ħajt biex jevita li jolqot lit-tifel iżda ma rnexxilux. Bid-daqqa hu waqqa' xi ċnagen taċ-ċint. Hu telaq jiġri għand tal-*petrol* biex iċempel għall-ambulanza u għall-għajnuna. Hu ma jafx in-numru tal-karozza ta' quddiemu għalkemm jaf li kienet Skoda ħamra;

Illi f'dana l-inċident Kurt Scerri ma kellu ebda tort. Anzi kien verament sfortunat. Hu kien qiegħed fuq l-i*stage* jistenna l-karozza ma' l-għalliem meta ġie investit mit-*truck* misjuq mill-konvenut li kiser għal fuq ix-xellug tiegħu u baqa' dieħel fuqu u għaffġu u waqqa' l-ħajt u l-pilastru bih b'kollox;

Huwa veru li l-ħtija għandha tiġi ppruvata, iżda jkun hemm każi fejn il-fatti dannużi juru l-impronta tal-ħtija b'mod li min ikun ipprova dawn il-fatti għandu jiftiehem li pprova anke l-ħtija u allura jkun dmir ta' min ikun kaġun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux ħtija f'li ġara (ara Vol. XLII, pt. i, p. 15);

F'każijiet Ingliżi ġie stabbilit li: "*Pulling up suddenly and violently is prima facie evidence of negligence*" **Mars *vs.* Glasgow Corporation** (1940). "*Where a motor van gets on to a pavement intended for foot passengers and injures persons standing there, these facts, in the absence of explanation, constitute evidence of negligence*", **Ellor *vs* Selfridge** (1930);

Fil-każ in eżami l-konvenut xehed li hu kien qed isegwi karozza oħra, meta dina qabdet u kisret fuq il-lemin tagħha bla

sinjal ta' xejn u hu biex jevita li jidħol fiha żamm *brake*, ġibed fuq ix-xellug tiegħu u baqa' dieħel fil-ħajt fejn kien hemm it-tifel jistenna fuq l-i*stage*;

Il-konvenut b'hekk irid jitfa' t-tort ta' dana l-inċident fuq terz ignot;

Il-Qorti trid tiddeċiedi r-respnosabbilità ta' l-inċident bejn il-partijiet li għandha quddiemha (ara **Mansfield *vs* Llewellyn** (1961) 2 ALLL E.R. 95). Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Ċivili fil-kawża **Camilleri *vs* Cutajar** tad-disgħa (9) ta' Diċembru, 1968:

"Huwa risaput li d-difiża tat-*terzo ignoto* mhi difiża xejn għaliex il-kawża hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tiġi addossata lil xi ħadd li mhux fil-kawża;

Kieku stess jitqies ippruvat li kien hemm in-negliġenza ta' terz injot ... u kkonkorriet man-negliġenza ta' l-istess konvenut biex jiġi kkawżat l-inċident, il-konklużjoni ma kellhiex tkun illi, fil-konfront ta' l-atturi, il-konvenut jitqies responsabbli f'parti biss. F'każ bħal dan l-atturi għandhom dritt isegwu d-danni kollha mingħand il-konvenut salv talvolta lil dan id-dritt li jindenizza ruħu, jekk jista', mingħand it-terz mhux magħruf hu ċar fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tiġi stabbilita b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabbilità tiegħu, jekk kien hemm ...

Jekk il-konvenut ma setax isejjaħ lil dan it-terz fil-kawża għax ma jafux mhu ebda tort ta' l-atturi, u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi ħadd għandu jbati minħabba dan il-fatt, jidher wisq aktar ġust li jbati l-konvenut li kellu żgur parti mill-ħtija, milli l-atturi li qed jitolbu riparazzjoni għal telf soffert minnhom bla ebda ħtija tagħhom ..."

Apparti dak li għadu kemm intqal, il-fatt li l-konvenut ma waqafx tempestivament meta l-karozza (li allegatament kienet quddiemu) ġiet biex iddur u l-*ispeed* ta' 35/40 mfs għal *truck* li kien qed isuq il-konvenut, huma sinjali li l-konvenut kien negliġenti fis-sewqan tiegħu;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort kien unikament tal-konvenut;

Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, il-fatturi rilevanti huma:

Li Kurt Scerti ma kienx jaħdem imma kien student;

Li hu kellu 14-il sena meta ġara l-inċident;

Li hu sofra *permanent disability* ta' 60%;

L-espert mediku ddeskriva dak li ġarrab Scerri hekk:

*Mr. Scerri sustained terrible injuries and he is lucky to be alive. Nevertheless, he is* ***grossly handicapped*** *and will always have problems with walking, going up and down stairs, ladders, etc. He will have to have specially adapted cars if he is to drive.* ***He may find it difficult to find a partner to marry****. His body image of a disabled person may cause* ***psychological problems****. He will have to be extra careful with his right leg because it can easily be damaged and that is because the bones are not adequately covered and there is loss of sensation in the sole, making him more prone to fall, etc.* Hu sofra 60% *disability.* (Partijiet skuri huma tal-Qorti);

Skond il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 1045 hemm ipprovdut li:

"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb diretttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali li dak l-għemil seta' jġib.

(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;

Illi għalkemm meta ġara l-inċident Kurt Scherri ma kienx jaħdem iżda huwa kien student u kellu aspettattiva ta' ħajja lavorattiva twila u normali kif ukoll lukrattiva. Il-problema li għandha l-Qorti quddiemha hija jekk għandhiex timxi fuq is-sistema segwita fis-sentenza **Butler *vs* Heard** fejn hemm *multiplier* fiss ta' 20 sena jew inkella għandhiex issegwi ġurisprudenza aktar reċenti ta' dawn il-qrati fejn, għalkemm is-sistema segwita minn **Butler *vs* Heard** ma ġietx skartata għal kollox, iżda s-sistema hija interpretata b'mod aktar *elastiku*, biex ma ssirx inġustizzja la ma' naħa u la ma' oħra;

Illi l-qrati tagħna bħal pajjiżi oħra jakkordaw *once-for-all lump sum payment*. Din hija sistema li għandha l-problemi tagħha billi "*the Court must attempt to assess the value of a loss which may extend thirty or forty years into the future*" u kif qal Lord Scarman fil-każ **Lim *vs* Camden & Islington** A.H.A. (1980) A.C. 183: "*knowledge of the future being denied to mankind, so much of the award as is to be attributable to future loss and suffering will almost certainly be wrong. There is really only one certainty: the future will prove the award to be either too high or too low*";

Fil-każ in eżami l-Qorti ma tħossx li tista' *in all fairness*, tiffissa *working life expectancy* għal Kurt Scerri ta' 20 sena u lanqas ma tista' takkordalu l-ħajja massima lavorattiva ta' 43 sena, ċjoè minn tmintax-il sena sa wieħed u sittin;

Skond is-sistema li tuża l-metodu tal-*multiplier*:

*Th multiplier will be less than the average working life expectancy of a person of that age but the theory of the matter is that the income from the capital sum, supplemented by drawings on the capital, will provide the plaintiff with the equivalent of his total net earnings throughout the period. Furthermore such an award* (li tieħu ħajja lavorattiva massima) *would make no allowance for the "vicissitudes of life" (eg. premature death) which may affect the plaintiff after the accident or which might have affected him but for the accident. In other words, the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p. 228);

Fil-każ in eżami l-Qorti ma tħossx li għandha toqgħod fuq *multiplier* fiss iżda sejra tibbaża l-kalkoli tagħha fuq ħajja lavorattiva ta' 35 sena minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-persuna inkapaċitata;

Skond il-ġurisprudenza reċenti tal-Qrati tagħna, ġie ritenut ukoll li m'għandhomx isiru deduzzjonijiet għax qed isir *lump sum payment*, iżda kif diġà intqal il-kapital li jrid jitħallas lill-atturi jista' jiġi nvestit u dina s-sistema *automatically takes care of inflation, for inflation is accompanied by high interest rates whicih will increase the plaintiff's return on the capital* (*op.*

*cit.)*;

Għalhekk fil-kalkoli tagħha l-Qorti ser tagħmel deduzzjoni ta' 20% għal *lump sum payment*;

Jifdal li jiġi ffissat l-ammont ta' paga li fuqha l-Qorti ser tibbaża l-kalkoli tagħha. Kurt Scerri kien student u l-prospetti tiegħu kienu li ser jaqla' aktar mill-*minimum wage*. Kieku sar *teacher* kien jaqla' ħafna aktar mill-*minimum wage*. Il-Qorti ser tieħu bħala bażi paga medja bażika ta' Lm80 fil-ġimgħa;

Kalkoli:

| | |
|---|---|
| 80 (paga) x 52 (ġimgħat x 35 (sena)) | = Lm 145,600 |
| 60% Diżabilità | = Lm 87,360 |
| 20% *Lump sum payment* | = Lm 17,472 |
| Ammont dovut | = **Lm 69,888** |

**Dawn huma d-danni dovuti lil Kurt Scerri;**

L-attur talab ukoll is-somma ta' Lm11,000 differenza fil-prezz tal-post li kellu jixtri u l-post li kellu qabel u biegħ. Hu spjega li minħabba dana l-inċident huma ma setgħux jibqgħu fl-istess post li kellu t-taraġ u xtara post ieħor;

Il-Qorti wara li eżaminat ix-xhieda u d-dokumenti esebiti tasal għall-konklużjoni li anke dana l-ammont għandu jitħallas lill-attur;

**L-ammont li għandu jitħallas lill-atturi *proprio* huwa ta' Lm11,000;**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm80,888. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut u l-imgħax fuq l-ammont hekk likwidat jibdew jiddekorru mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.

---